**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Joseph Portelli**

**Kumpilazzjoni numru 271/2016**

**Illum 17 ta' Jannar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Portelli** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 405981 (M) billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Novembru 2014 u Frar 2015 b`diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

1. wettaq serq ta' karta tad-debitu ghad-dannu ta' Martin Azzopardi (ID:21374M) liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti

immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża′ dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qligħ bi ħsara tas-socjeta Bank of Valletta u/jew ta′ Martin Azzopardi liema ammont jaccedi l-€232.94 izda mhux l-€2,329.37;

3. wettaq serq ta′ cheques ghad-dannu ta′ Giorgio Russo (ID:70111A) u Biagio Schembari (ID: 58844A) fil-kapacita taghhom personali u/jew fil-kapacita taghhom bhala diretturi tas-socjeta Siderpro Processing Ltd liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;
4. b′mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b′qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b′oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta′ intrapriżi foloz, jew ta′ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta′ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża′ dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qligħ bi ħsara tas-socjeta Bank of Valletta u/jew tas-socjeta HSBC Bank Malta u/jew ta′ Giorgio Russo u Biagio Schembari fil-kapacita taghhom personali u/jew fil-kapacita taghhom bhala diretturi tas-socjeta Siderpro Processing Ltd. u/jew ta′ Marco Grixti (ID: 423068M) liema ammont jaccedi l-€232.94 izda mhux l-€2,329.37;
5. wettaq serq ta′ cheques ghad-dannu ta′ Raymond Sciberras (ID: 500070M) liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;
6. b′mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b′qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b′oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta′ intrapriżi foloz, jew ta′ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta′ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża′ dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qligħ bi ħsara tas-socjeta Bank of Valletta u/jew ta′ Raymond Sciberras u/jew Joseph Fenech (ID: 210362M) liema ammont jaccedi it-€23.29 izda mhux il-€232.94;

7. wettaq serq ta' karta tad-debitu ghad-dannu ta' Paul Fenech (ID:152878M);
8. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qligħ bi ħsara tas-socjeta Bank of Valletta u/jew ta' Paul Fenech liema ammont jaccedi l-€232.94 izda mhux l-€2,329.37.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena inkluz li l-imputat jirrifondi l-flus kollha lill-vittmi konsegwenza tal-agir tieghu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 271(g) u 308 tal-Kap. 9, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal perjodu ta' tmintax (18) –il xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna ukoll li jithallas kumpens totali ta' elf tliet mija u hamsin ewro (€1350) lill-parte civile Martin Azzopardi, Giorgio Russo, Biagio Schembri, Raymond Sciberras, Joseph Fenech, Paul Fenech u Marco Grixti, liema ammont irid jitqassam bejniethom skont id-danni sofferti, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien sitt (6) xhur.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**